Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

GUIDO DE MARCO
President

12 ta' Lulju, 2002

ATT Nru. XI ta' l-2002

ATT dwar l-amministrazzjoni ta' artijiet

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, hareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dan l-Att huwa Att ta' l-2002 dwar l-Amministrazzjoni ta' Artijiet, u għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Artijiet jista' jistabbilixxi b'Ordni fil-Gazzetta.

Tifsir.

2. Għall-iskop ta' dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tehtieġx xort'oħra, il-kelma "art" tinkludi kull ħaġa immobbli kif ukoll kull dritt reali fuq l-immobbli.

Art li tiġi vestita fil-Gvern.

3. Bla ħsara għall-provvedimenti l-oħra ta' dan l-Att, b'effett mill-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, kull art li tappartjeni lill-fondazzjonijiet u amministrazzjonijiet, amministrati mill-Gvern separatament mill-amministrazzjoni ta' art oħra li tappartjeni lill-Gvern, qed tiġi vestita fil-Gvern u l-Gvern għandu jittratta u jamministra dik l-art li qed tiġi hekk vestita bis-saħħa ta' dan l-Att bl-istess mod bħal kull art oħra li tappartjeni lill-Gvern bi proprjetà assoluta u jista' jneħħi dik l-art skond hekk, u b'effett minn dak il-bidu fis-seħħ kull passiv ta' jew li jsir dovut f'dak li għandu x'jaqsam ma' dik l-amministrazzjoni jsir passiv tal-Gvern jew lilu dovut bis-saħħa ta' dan l-Att, u kull ħlas li jsir hekk dovut mill-Gvern ikun addebitat lill-Fond Konsolidat minħajr approprjazzjoni oħra barra dan l-Att.

Effett fuq l-enfitewsi eċċ.

4. Minghajr preġudizzju ghal xi konsolidazzjoni tad-dirett dominju ma' l-utili dominju li ssir meta l-art tiġi vestita kif provdut fl-artikolu 3 ta' dan l-Att, id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu ma jolqtu ebda enfitewsi jew kirja moghtija dwar dik l-art jew xi servitù li ghalih xi art bhal dik tista' tkun suġġetta, u kull enfitewsi jew kirja bhal dawk ghandhom, ghall-finijiet kollha, jitqiesu li nghataw mill-Gvern u ghandu jsir minnhom skond hekk.

Obbligazzjonijiet marbutin ma' art li tiġi vestita fil-Gvern.

5. B'effett mill-bidu fis-sehh ta' dan l-Att, kull piż jew gravami li ghalih xi art bhal dik imsemmija fl-artikolu 3 ta' dan l-Att tista', qabel il-bidu fis-sehh ta' dan l-Att, tkun suġġetta, u kull hlas iehor jew ghemil iehor li, qabel l-imsemmija data, ikun dovut dwar xi attiv bhal dak, ghandu, bis-sahha ta' dan l-Att, jieqaf milli jkun piż jew gravami fuq, jew hlas jew ghemil dovut dwar xi art bhal dik, u kull somma jew oġġett jew ghemil iehor li, kieku ma kienx ghad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, kienu jkunu dovuti li jithallsu jew li jsiru minnufih qabel il-bidu fis-sehh ta' l-Att, ghandhom, minn dak il-bidu fis-sehh, ikunu dovuti li jithallsu jew li jsiru mill-Gvern, u kull hlas hekk dovut ikun addebitat lill-Fond Konsolidat minghajr approprjazzjoni ohra barra dan l-Att.

Talbiet.

6. (1) Kull min jivvanta dritt ta' kumpens dwar l-art li tkun qeghda tiġi vestita fil-Gvern kif imsemmi f'dan l-Att ikollu dritt li jaċċedi, permezz ta' ċitazzjoni li ssir kontra l-Gvern fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili, sabiex jiġi stabbilit l-interess tiegħu f'dik l-art jew fuqha u l-ammont ta' kull kumpens li jista' jkollu jedd ghalih u ghall-hlas ta' dak il-kumpens.

(2) Jista' jsir appell fil-Qorti ta' l-Appell minn kull deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

(3) Ma tista' tiġi ppreżentata ebda azzjoni taht dan l-artikolu wara l-iskadenza ta' sitt xhur minn meta dan l-Att jibda jsehh.

(4) Id-disposizzjonijiet kollha tal-Ftehim inkorporat fl-Att dwar Proprjetà ta' Entijiet Ekklesjastiċi, ghandhom japplikaw dwar kull art li minnufih qabel il-bidu fis-sehh ta' dan l-Att kienet tappartjeni lil xi fondazzjoni jew amministrazzjoni li fir-rigward taghha japplika dan l-Att u li, kieku ma kienx ghall-Ftehim fuq imsemmi, xi enti ekklesjastiku jkun jista' jivvanta xi dritt ghall-kumpens dwarha, u l-Uffiċċju Konġunt u l-Kumitat ta' Kontroll imwaqqfa bl-istess Ftehim ghandhom ikomplu jkollhom dwar l-art imsemmija f'dan is-subartikolu l-istess funzjonijiet bhalma ghandhom dwar kull art ohra msemmija fil-ftehim jew li dwarha jkun japplika dak il-Ftehim.

7. (1) L-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi, (hawnhekk izjed 'il quddiem f'dan l-artikolu msejħa "l-Ordinanza") għandha tiġi emendata kif ġej: Emenda ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi, Kap. 88.

(a) fl-artikolu 9 ta' l-Ordinanza, minflok il-kliem "fuq it-tabella ta' l-avviżi tal-Għassa tal-Pulizija jew kif jaħbat, ta' kull Għassa tal-Pulizija tal-belt jew raħal fejn, jew li fil-limiti tagħha jew tiegħu, l-art tinsab." għandhom jidħlu l-kliem "fuq tabella ta' l-avviżi fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-lokalità fejn tinsab l-art.";

(b) l-artikolu 12 ta' l-Ordinanza għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jitħassar u s-subartikoli (2) u (3) għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (1) u (2) rispettivament; u

(ii) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied dan is subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Mgħax sempliċi bir-rata ta' ħamsa fil-mija fis-sena għandu jibda għaddej ta' kuljum favur kull min għandu jedd għal kumpens dwar xi art miksuba bix-xiri assolut tagħha taħt din l-Ordinanza, mid-data tad-dikjarazzjoni tal-President sad-data meta l-kumpens jitħallas jew jiġi depożitat skond ma hemm fl-artikolu 22 ta' din l-Ordinanza. L-imgħax għandu jgħaddi fuq l-ammont ta' kumpens kif ikun stabbilit skond din l-Ordinanza.";

(ċ) minflok l-artikolu 22 ta' l-Ordinanza, għandu jidħol dan li ġej:

"Proċedura. 22. (1) Jekk l-awtorità kompetenti u s-sid jiftiehmu fuq l-ammont ta' kumpens dwar xi art, il Bord, fuq rikors ta' waħda mill-partijiet, jagħmel ordni li bih jagħti esekuzzjoni għal dak il-ftehim:

Iżda l-ammont ta' kera ta' akkwist jew kera ta' għarfien, skond il-każ, ikun stabbilit skond id-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-artikolu 27.

(2) Meta l-art tkun se tiġi akkwistata bix-xiri assolut tagħha (inkluż l-akkwist bil-bdil minn pussess u użu jew dominju pubbliku għal proprjetà assoluta), id-dikjarazzioni mill-President maħruġa għall-finijiet ta' l-

artikolu 3 ta' din l-Ordinanza, għandha tiddikjara x'ikun l-ammont ta' kumpens li l-awtorità kompetenti tkun lesta li thallas għal dik l-art li d-dikjarazzjoni tkun tirreferi għaliha. Id-Dikjarazzjoni għandu jkollha flimkien magħha stima magħmula minn perit arkitett u meta jkun hemm waħda, pjanta ta' l-art deskritta fid-Dikjarazzjoni.

(3) Fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-pubblikazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-President kif inhi msemmija fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu fil-Gazzetta, il-Gvern għandu jiddepożita f'kont bankarju li jirrendi l-imgħax (li jkun jiggarantixxi dak l-inqas imgħax fis-seħa li l-Ministru responsabbli għall-artijiet jista' b'regolament taħt dan is-subartikolu jippreskrivi) ammont ta' flus li jkun daqs l-ammont ta' kumpens offrut fid-dikjarazzjoni tal-President. Dik is-somma għandha tkun tista' tingibed liberament flimkien ma' kull imgħax li jingema' fuqha mill-persuna jew il-persuni li jkollhom jedd għal dak il-kumpens hekk kif dawn iġibu prova tal-jedd li jkollhom għaldaqstant, b'mod sodisfaċenti għall-awtorità kompetenti.

(4) L-awtorità kompetenti għandha tesprimi jekk tkunx qiegħda taċċetta jew le l-prova li dawk il-persuni jġibu kif imsemmi fis-subartikolu li jiġi minnufih qabel dan, permezz ta' att ġudizzjarju fi żmien xahrejn minn meta tkun ġiet ippreżentata dik il-prova.

(5) L-ammont depożitat kif provdut fis-subartikolu (3) flimkien ma' kull imgħax li jgħaddi fuqu jista' jiġi żbankat kif provdut fl-imsemmi subartikolu sew jekk is-somma depożitata bħala kumpens tkun jew ma tkunx ġiet aċċettata bħala l-ammont ta' kumpens dovut, u l-ġbid ta' dawk l-imgħaxijiet mid-depożitu ma għandux jippreġudika l-jedd li persuna jkollha li tmexxi skond din l-Ordinanza għall-fini li jiġi stabbilit kull kumpens ieħor li jista' jiġi mħallas lilha skond din l-Ordinanza.

(6) Meta l-persuna li jkollha jedd għall-kumpens ma taċċettax li l-ammont depożitat ikun wieħed adegwat, dik il-persuna tista' taġħmel rikors quddiem il-Bord sabiex jiġi stabbilit x'ikun il-kumpens skond id-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza. Dak ir-rikors għandu, taħt piena ta' nullità, jindika l-kumpens li fil-fehma tar-rikorrent ikun dovut.

(7) Dak ir-rikors għandu jiġi ppreżentat fir-Reġistru tal-Bord fi żmien wieħed u għoxrin ġurnata min-

notifika ta' l-att ġudizzjarju mill-awtorità kompetenti fejn tiġi aċċettata dik il-prova skond is-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu. Il-Bord għandu jistabbilixxi dak il-kumpens u għandu jagħti kull ordni u direttiva meħtieġa skond din l-Ordinanza.

(8) Hekk kif issir id-Dikjarazzjoni mill-President skond din l-Ordinanza li xi art għandha tkun akkwistata bix-xiri assolut tagħha, il-proprjetà assoluta ta' dik l-art li dwarha tkun tirreferixxi d-dikjarazzjoni għandha titqies li tkun area ta' reġistrazzjoni għall-finijiet ta' l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Artijiet u l-proprjetà assoluta ta' dik l-art għandha bis-saħħa ta' din l-Ordinanza u mingħajr ebda assikurazzjoni jew formalità oħra, tkun trasferita lejn u tkun akkwistata mill-awtorità kompetenti libera u franka minn kull piż, ipoteka jew privileġġ u bil-pertinenzi kollha tagħha, u l-awtorità kompetenti għandha tara li dik l-art tiġi reġistrata fir-Reġistru ta' l-Artijiet f'isimha skond l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' l-Artijiet, u dana fi żmien tliet xhur mill-ħruġ tad-Dikjarazzjoni tal-President.

(9) Id-dritt li jiġi rtirat il-kumpens depożitat skond is-subartikolu (3) u għal kull kumpens ieħor li jista' jkun dovut taħt din l-Ordinanza (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "id-drittijiet ta' kumpens") għandu jitqies bħala dritt immobbli minħabba l-ħaġa li jirreferi għaliha u jkun jista' jiġi trasferit skond dan. Kull piż, ipoteka jew privileġġ li qabel l-akkwist ta' l-art mill-awtorità kompetenti kienu jaggravaw ma' dik l-art, għandhom jibqgħu ħekk jaggravaw lid-drittijiet ta' kumpens bl-istess gradwazzjoni u preferenza li kellhom fuq l-art.

(10) Meta jkun ġie stabbilit il-kumpens li jitħallas dwar art li tkun ġiet akkwistata bix-xiri assolut tagħha, sew jekk bi ftehim sew b'deċizjoni tal-Bord, kull somma dovuta bħala kumpens iktar minn kull somma ddepożitata skond dan l-artikolu flimkien ma' l-imgħaxijiet fuqha skond l-artikolu 12(3) ta' din l-Ordinanza, għandha titħallas lill-persuna li jkollha jedd għal dik is-somma mill-awtorità kompetenti mhux aktar tard minn tliet xhur mid-data meta dak il-kumpens ikun ġie stabbilit kif ħawn qabel imsemmi.

(11) Il-kumpens dovut għall-akkwist b'xiri assolut ta' xi art, u s-somma li għandha tiġi ddepożitata skond dan l-artikolu għandha tkun:

(a) f'każijiet li ma jkunux dawk li jaqghu taht il-paragrafi (b) u (ċ) ta' dan is-subartikolu, dak il-kumpens li jiġi stabbilit skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza wara li jitqies il-valur fid-data tal-pubblikazzjoni tad-Dikjarazzjoni mill-President fil-Gazzetta;

(b) fil-każ ta' bdil minn pussess u użu f'xiri assolut somma li tasal ghaliha billi tiġi kapitalizzata bir-rata ta' wiehed fil-mija tal-kera ta' akkwist fis-sena li tkun dovuta taht id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza;

(ċ) fil-kaz ta' bdil minn dominju pubbliku f'xiri assolut somma li tasal ghaliha billi tiġi kapitalizzata bir-rata ta' wiehed punt erbgha fil-mija tal-kera ta' gharfien fis-sena li tkun dovuta taht id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.

(12) Proprjetà regolata mill-Att dwar Proprjetà ta' Entijiet Ekklesjastiċi, ghandha minkejja kull disposizzjoni ta' din l-Ordinanza tkompli tkun regolata bid-disposizzjonijiet ta' l-imsemmi Att, u l-proceduri u l-kriterji hemm fih stabbiliti sabiex jiġi determinat x'ikun il-kumpens u l-hlas tieghu ghandu jkun japplika skond dan.";

Kap. 358.

(d) l-artikolu 27 ghandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (i) tal-proviso ghas-subartikolu (1) tieghu minflok il-kliem "ta' l-avviz ghall-ftehim" u "ta' l-avviz ghal ftehim" ghandhom f'kull każ jidhlu l-kliem "tad-Dikjarazzjoni mill President";

(ii) fil-paragrafu (ii) tal-proviso ghas-subartikolu (1) tieghu, minflok il-kliem "in-notifika ta' l-avviz ghall-ftehim" kull fejn dawn jinsabu ghandhom jidhlu l-kliem "il-pubblikazzjoni tad-Dikjarazzjoni mill-President";

(iii) fis-subartikolu (19) tieghu, minflok il-kliem minn "u li f'kull każ ghandha l-ewwelnett" sal-kliem "supplementari li johroġ wara" ghandhom jidhlu l-kliem "u f'kull każ fl-ewwel lok l-ammont li l-awtorità kompetenti tkun qed toffri ghall-ghanijiet ta' dan is-subartikolu ghandu jkun inkluż fid-Dikjarazzjoni mill-President flimkien mad-dikjarazzjoni dwar l-ammont ta' kumpens imsemmi fl-artikolu 22(2) ta' din l-Ordinanza";

(e) l-artikolu 31 ta' l-Ordinanza għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-kliem "jekk għal raġunijiet speċjali ma jidhirlux li mhux xieraq li jagħmel hekk" kull fejn dawn jinsabu fis-subartikoli (1) u (2) tiegħu, għandhom jitħassru;

(ii) fis-subartikolu (2) tiegħu minflok il-kliem "Meta sid ikun għamel kontrofferta bil-miktub li jaċċetta somma determinata" għandhom jidħlu l-kliem "Meta sid ma jaċċettax l-offerta ta' l-awtorità kompetenti u jitlob li s-somma dovuta bħala kumpens għandha tkun ogħla filwaqt li jindika dik is-somma";

(iii) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (4) tiegħu; u

(iv) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan is-subartikolu (3) ġdid li ġej:

"(3) Meta sid ma jaċċettax l-offerta ta' l-awtorità kompetenti u jvanta li l-ammont dovut bħala kumpens għandu jkun ogħla, u jindika dik is-somma, kemm jekk din tithallas perjodikament jew bħala somma f'daqqa, bħala kumpens, u jkun ikkonforma ruħu mad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 9 u 12 ta' din l-Ordinanza, u s-somma mogħtija tkun iktar minn dik offruta mill-awtorità kompetenti imma inqas minn dik mitluba mis-sid, allura l-ispejjez għandhom jiġu sofferti mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorità kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom għad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.";

(f) fl-artikolu 33 ta' l-Ordinanza, minflok il-kliem "avviz għall-ftehim" għandhom jidħlu l-kliem "xi avviz"; u

(ġ) l-Iskeda li tinsab ma' l-Ordinanza għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) f'dik il-parti tagħha intitolata "DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA" minnufih wara l-ewwel paragrafu għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"Il-kera ta' kumpens / għarfien / kera ta' akkwist offrut hu ta' Lm _____ / Lm _____ fis-sena skond

l-istima li hawn ma' din id-dikjarazzjoni kif din saret mill-perit arkitett _____";

(ii) il-parti intitolata "AVVIŻ GHALL-FTEHIM" ghandha tithassar.

Dispożizzjonijiet transitorji.

2 (a) Ghar-rigward ta' art li tkun suġġetta ghal dikjarazzjoni mill-President qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-artikolu, jew art li qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-artikolu kienet ittieħdet mill-Gvern imma ma tkun inharġet ebda dikjarazzjoni mill-President ghar-rigward taghha qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-artikolu ghandu jkun japplika l-artikolu 12(3) ta' l-Ordinanza kif emendat b'dan l-artikolu, b'dan li l-imghax li jinsab hemm indikat ghandu jibda ghaddej mid-data minn meta l-Gvern jieħu pussess sad-data meta jithallas il-kumpens ghaliha jew dan jiġi depożitat skond il-każ:

Iżda l-imghaxijiet kif hawn qabel imsemmija ghandhom jiġu kkalkolati fuq il-valur ta' l-art fid-data tad-Dikjarazzjoni mill-President, jew inkella meta ma tkun inharġet ebda Dikjarazzjoni bhal dik qabel ma dan l-artikolu jiġi fis-sehh, fid-data ta' tehid ta' pussess mill-Gvern ta' l-art inkwistjoni.

(b) (i) Il-President jista' dwar kull art li tkun suġġetta ghal Dikjarazzjoni maħruġa qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-artikolu joħroġ Dikjarazzjoni ġdida fejn jiġi dikjarat x'ikun l-ammont ta' kumpens li l-awtorità kompetenti tkun lesta li thallas ghal dik l-art li d-dikjarazzjoni tkun tirreferi ghaliha. Dik id-dikjarazzjoni ghandu jkollha flimkien maghha stima li ssir minn perit arkitett u meta jkun hemm disponibbli pjanta ta' l-art deskritta fid-Dikjarazzjoni:

Iżda meta tiġi maħruġa dik id-Dikjarazzjoni l-ġdida l-kumpens ghandu jiġi stabbilit abbażi tal-valur ta' dik l-art fid-data meta jkun ġie notifikat xi avviż ghall-ftehim dwar dik l-art, u fejn ebda avviż ghall-ftehim ma jkun ġie hekk notifikat, fid-data tal-ħruġ tad-Dikjarazzjoni l-ġdida mill-President.

(ii) Ghall-fini li jiġi stabbilit jekk l-art ghandhiex tkun stmata bhala art ghall-bini, raba' jew art rurali jew art moxa ghall-finijiet ta' dan is-subartikolu, id-data relevanti tkun id-data meta tkun harġet id-dikjarazzjoni oriġinali mill-President qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-artikolu.

(iii) Kull Dikjarazzjoni ġdida maħruġa bis-sahha ta' dan il-paragrafu ghandha, bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu, tkun meqjusa bhala Dikjarazzjoni maħruġa taht id-

disposizzjonijiet ta' l-artikolu 22 ta' l-Ordinanza kif emendat b'dan l-artikolu, u ghaliha ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (3) sa (12) ta' l-artikolu 22 ta' l-Ordinanza kif hekk emendat.

(ċ) L-artikolu 31 ta' l-Ordinanza kif emendat b'dan l-artikolu, ghandu japplika ghal proċedimenti dwar xi Dikjarazzjoni li tkun inhargħet anki qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu.

Mghoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 764 tat-2 ta' Lulju, 2002.

ANTON TABONE
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati